# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.9

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.9: Nagħmlu dak li hu tajjeb**

**Għanijiet: Matul din il-lezzjoni t-tfal ser**

1. Jiddiskutu l-mod ta' kif ġab ruħu Ġesù fl-istorja ta' Marta u Marija.
2. Jagħrfu l-messaġġ wara l-kliem ta' Ġesù.
3. Jagħrfu jagħmlu l-għażliet it-tajba bħal Marija f'sitwazzjonijiet differenti.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint b'sitwazzjonijiet differenti.
- Karta bis-sitwazzjonijiet.
- Karta ta' taħriġ 4.4



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jiftakru mill-istorja ta' Marta u Marija.
- Wara li tieħu xi punti mingħand it-tfal, staqsi min kien għamel l-aħjar għażla minnhom it-tnejn u għaliex.
- Spjega li bħal Marija rridu nagħmlu għażliet tajbin għal ħajjitna.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega li matul din il-parti, bħal Marta u Marija, it-tfal ser jisimgħu sitwazzjonijiet differenti fejn huma, bħal Marija, iridu jieħdu l-aħjar deċiżjoni għal kull sitwazzjoni.
2. Aqra s-sitwazzjonijiet lit-tfal mill-PowerPoint, (uża l-karta tas-sitwazzjonijiet – sitwazzjoni għal kull *slide*) u wara kull sitwazzjoni staqsi lil tfal differenti kieku huma x'deċiżjoni jieħdu f'kull sitwazzjoni.
3. Minn dawn is-sitwazzjonijiet it-tfal għandhom jindunaw li għal kull sitwazzjoni, bħal Marija, għandna dejjem nagħmlu għażla tajba u bil-għaqal kif iridna l-Mulej – għandna dejjem nagħtu prijorità għal dak li jridna nagħmlu Alla u mhux x'jaqblilna.
4. Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.4. Mill-ġurnata ta' qabel għid lit-tfal igibu ritratt tagħhom biex iwaħħluh. Wara għinhom jimlew is-sentenza: *Meta nagħmel it-tajjeb insir aktar bil-għaqal*
5. Aqra Attivita 2 u iddiskuti liema huma l-*għazliet tajbin.*
6. Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u oħroġ il-*fatt li rridu naħsbu qabel kull azzjoni tagħna.*

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Għandna dejjem niftakru biex inpoġġu lil Ġesù bħala prijorità f'ħajjitna.
2. Għandna dejjem nagħmlu għażliet tajbin u dawk li jixtieqna Alla.
3. Bħal Marija għandna dejjem nagħmlu għażliet tajbin u npoġġu lil Alla l-ewwel u qabel kollox.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

1. It-tfal jifhmu kemm hu sabiħ li jagħmlu għażliet tajbin sabiex iħossuhom aktar qrib il-Mulej u jixbħuh.
2. It-tfal jaħdmu biex lill-Mulej jagħtuh importanza kbira f'ħajjithom (prijorità) u jirringrazzjawh tal-ġid kollu li jipprovdilhom.



**Nitolbu**

Mulej, għinni sabiex nagħmel għażliet tajba kuljum ħalli nkun aktar nixbhek.

Grazzi Mulej.

